MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 398/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Biagio Muscat**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Biagio Muscat talli:

(1) Fil-21 ta' Ottubru 2004 ghall-habta ta' 4.35 p.m. fiz-Zejtun ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied

jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(2) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, filwaqt illi minhabba l-kariga jew impjieg tieghu kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

(3) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz jew b'tibdil f'atti, fi skritturi jew f'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera fi skrittura private lit kun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

(4) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bil-hsieb illi xjentement jaghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(5) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

(6) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala persuna licenzjata biex jittestja mid-Direttur tat-Traffiku skond ir-Regolamenti ta' 1998 "dwar testijet biex jiccertifikaw li vetturi bil-mutur ikunu tajba ghat-triq", naqas li jattesta r-rizultat pozittiv ta' test jew cahda ta' rizultat pozittiv skond il-kaz fl-istess data li fiha t-test ikun gie kompletat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Biagio Muscat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti u, wara li rat l-artikoli 183, 184, 185(2), 187(1), 188, 41(1)(a) u 42(d) tal-Kap. 9 u r-regolament 19 ta' l-Avviz Legali 126/1998, ikkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn, liema perijodu ma jiddekorrix hlief jekk jikkommetti reat

iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mid-data tas-sentenza appellata skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Biagio Muscat apprezentat fl-14 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni inkompleta jew skorretta tal-ligi abbinat ma’ apprezzament skorret tal-provi meta sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u dan peress illi mill-provi prodotti hemm mankanti element kostituttiv wiehed jew aktar ta’ kull wahda mill-imputazzjonijiet.

Huwa opportun l-ewwel li din il-Qorti tindika dak li jirrizulta mill-provi: Fil-21 ta’ Ottubru 2004 il-Pulizija rceviet informazzjoni permezz ta’ telefonata anonima li fid-Delmus Garage, Triq Toni Zahra, Zejtun, kienet qed issir VRT test fuq Ford Transit li pero` ma kinitx fil-garaxx. Marru fuq il-post l-Ispettur Joseph Cordina u W.P.C. 249 Marouska Debattista fejn sabu certifikat tal-VRT flimkien ma’ rcevuta u rapport dwar it-*Testing Outcome* li kienu jirrigwardaw vettura JBB-934. Waqt li l-Pulizija kienet fuq il-post, dahal l-appellant u gie mistoqsi mill-Ispettur Cordina jekk kienx ghamel xi test u dan ikkonferma li kien ghadu kif ghamel test u mela c-certifikat li kienu sabu l-Pulizija. Ic-certifikat kien jirrigwarda Ford Transit ta’ certu Dennis Fenech ta’ 10 Alley 1, St. Mary Street, Tarxien u li l-licenzja taghha kellha taghlaq f’Ottubru stess. Il-Pulizija hadu c-certifikat maghhom u telghu jfittxu lil Dennis Fenech. Fil-fatt sabuh, saqsewh ghall-vettura, hadhom fejn kienet ipparkjata u meta l-Pulizija missew il-*grille* sabu li kien kiesah. L-Ispettur Cordina talab lil Fenech jidhol fil-

vann sabiex jistartja l-vann u jixghel id-dwal. Gie nnutat illi d-dwal ma kinux kollha jixeghlu, li kien hemm almenu fanal wiehed imcaqlaq, li l-ilma tal-*wipers* ma jtellax u bl-istess *wipers* imqattghin. Dak il-hin Fenech ircieva telefonata u wara qal lill-Pulizija li kien huh Twanny Fenech li kien tella’ l-vann ghat-test. L-Ispettur Cordina interroga kemm lil Twanny Fenech kif ukoll lill-appellant u sussegwentement ressaqhom il-Qorti.

Jirrizulta illi l-appellant kien licenzjat bhala operatur biex jaghmel it-testijiet tal’ vetturi bil-mutur ghall-finijiet tal-VRT, u dan skond ir-Regolamenti dwar testijiet biex jiccertifikaw li vetturi bil-mutur huma tajbin ghat-triq (A.L. 126/1998). Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija[1] kkonferma li huwa kien ghamel it-test fuq il-vettura JBB-934 u c-certifikat li ngabar mill-Pulizija ffirmah hu. Mistoqsi kif jista’ jispjega li meta l-Pulizija sabu l-vann ftit hin biss wara li suppost kien sar it-test, il-magna kienet kiesha, l-appellant wiegeb li ma jafx. Mistoqsi dwar kif il-vann ghadda mit-test meta kien hemm diversi nuqqasijiet, ghazel li ma jirrispondix. L-appellant qal li bil-vann mar certu Twanny. Fl-istqarrija tieghu mbaghad hemm dawn il-mistoqsijiet u twegibiet:

*M: Nghid sew li spiss igiblek vetturi ghal VRT?*
*T: Le. Dan gie tliet darbiet handi b’dan il-van jien ghidtlu li kelli x’naghmel u bghattu u ghidtlu jmur ghand haddiehor, nahseb li dan gie b’xi skop.*
*M: Ghaliex qed tghid lid an gie b’xi skop?*
*T: Jien Naf? Ma Nafx.*
*M: Ghalxiex bdejt tibaghtu ghand haddiehor, int mhux ghax-xoghol qieghed?*
*T: Gie darba darbtejn beda jghaggilni, jien il-van rajtu qabel u ghodtlu biex jaghmel xi xoghol fuqu izda dan ma ghamel xejn, gie bla flus u aktar hsibt hazin, jien ghamiltlu t-test izda l-karti zammejthom Ghandi.*
*M: Jekk il-van ma kienx sew, kif it-test hareg tajjeb?*
*T: Il-van kien tajjeb li kellu l-wipers u xi dawl li ma kienx sew ghaliex kellu l-earth hazing ghaliex id-dawl kien qed jibbrajtja.*

[1] Dok. JC5 a fol. 20 – 21.

*M: Jekk nghidlek li Twanny ghamel dikjarazzjoni li l-van ma hallihulekx ghat-test izda biss gablek il-logbook tieghu xi tghidli?*

*T: Xejn.*

*M: Ara nghidx sew li fil-verita` int ma ttestjajtux dan il-van?*

*T: Hazin qed tghid."*

Mis-suespost mela jirrizulta illi fic-certifikat tal-VRT rilaxxjat mill-appellant dwar il-vettura JBB-934, l-appellant ghamel dikjarazzjoni falza meta ccertifika illi dik il-vettura kienet ghaddiet mit-test, u dan peress illi rrizulta illi kien hemm nuqqasijiet li minhabba fihom mhux suppost ghaddiet. L-istess jinghad dwar it-*Testing Outcome Report* li jindika d-dwal kollha bhala tajbin meta fil-fatt ma kinux. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li ghamel l-appellant jammonta ghal falz ideologiku, u cioe` hareg certifikat li kien materjalment certifikat veru, izda li kien jikkontjeni affarijiet inveritjeri. Il-gurista Francesco Antolisei jispjega hekk id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

**"Allo scopo di precisare la distinzione, il Manzini (conformemente, del resto, alla migliore dottrina straniera) si e` richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilievo, assume in genere il termine 'falso', e precisamente alla differenza tra 'non-genuinita`' e 'non-veridicita`'. Secondo l'insigne autore il falso materiale si ha quando il documento *non e` genuine*; il falso ideologico allorche` il documento e` bensi genuino, ma *non e` veridico*, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero."[2]**

Fil-kaz in ezami, il-falsifikazzjoni ma taqax taht l-ewwel erba' imputazzjonijiet izda taqa' taht l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-hames imputazzjoni. Il-fatt li c-certifikat kien ghadu jinsab f'idejn l-appellant ma jezimihx mir-responsabbilta` ghax huwa kien diga` hejja l-imsemmi certifikat. L-artikolu 188 jghid illi d-dokument irid

---

[2] Antolisei, F., **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II**., Giuffre` (Milano), 1986, p.604. Ara wkoll Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Paul Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Joseph Aquilina**, 12 ta' Dicembru 2006.

ikun “mahsub ghal xi awtorita` pubblika” u mhux li jrid ikun “gie kkonsenjat lill-awtorita` pubblika”. Inoltre fl-istqarrija tieghu ma jghidx illi ma kienx ser jirrilaxxjah lis-sid qabel ma jsiru t-tiswijiet. Ic-certifikat kien mahrug u kien qieghed jiccertifika stat ta’ fatt inveritjer. Ir-regolament 19 ta’ l-Avviz Legali 126/1998 huwa car dwar x’irid isir fejn it-test huwa pozittiv u fejn huwa negattiv. Ma jistax jinhareg certifikat pozittiv jekk il-htigiet preskritti ma jkunux gew kollha mharsa. Anzi, f’kaz ta’ ezitu negattiv, trid issir “in-notifika ta’ rizultat negattiv”. Ghalhekk anke l-ksur ta’ dan ir-regolament hu, f’dan il-kaz, palezi, b’dan li hemm l-assorbiment ta’ dan ir-reat minuri f’dak aktar gravi kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap. 9, u dan skond l-artikolu 17(h) ta’ l-istess Kap. 9.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva illi l-piena ghar-reat skond l-artikolu 188 tal-Kap. 9 hija dik ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn jew multa. Din il-Qorti tqis li dak li ghamel l-appellant kien nuqqas serju hafna ghax, ghalkemm l-Istat wera fiducja fih meta hatru bhala operatur tat-testijiet in kwistjoni, huwa wera b’ghemilu li ma kienx dehen ta’ din il-fiducja. Ghalhekk, bhall-ewwel Qorti, tqis li l-piena idoneja hija wahda karcerarja b’dan illi stante li c-certifikat in kwistjoni ma kienx ghadu gie utilizzat peress illi gie elevat mill-Pulizija qabel ma kien inghata lil sid il-vettura in kwistjoni u wara li rat il-fedina penali ta’ l-appellant, huwa opportun li jkun hemm is-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, u tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal sentejn prigunerija liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn u minflok tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija b’dan illi, a tenur ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tordna li din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn millum l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, u tikkonfermaha

fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------